MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2011

Numru. 1086/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nezren Grixti)**

**vs**

**Christopher Farrugia**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Christopher Farrugia ta’ 30 sena, bin Anthony u Catherine nee’ Said fis-6 ta’ Jannar 1979 u residenti 3, Triq il-Kukkanja, Santa Venera u detentur tal-karta tal-identita’ numru 69379(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

U nakkuzah talli :

Nhar is-27 ta' Awwissu 2007 wara nofs in-nhar gewwa Johns Garage kif ukoll barra f' 38, Villambrosa Str Hamrun

1. Ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Howard Debono ta' 38 sena minn gewwa H'Attard, ID 469371(M), u dan skond kif iccertifika Dr. Jonathan Joslin MD u dan ai termini ta' artikoli 216(1) u 214 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb ghall-istess persuna imsemmija sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel xi hsara u dan bi ksur tal-artikoli 339(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Fl-istess data, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Howard Debono sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reati hawn fuq addebitati, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus li tigi ffissata kif jidrilha xieraq l-Onorabbli qorti u dan ai terminu tal-artikolu 383 (1), (2), (3) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 16 ta' Ottubru, 2009 (esebit *a folio* 7 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-13 ta' Jannar, 2010 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident li allegatament inqala' fis-27 ta' Awissu 2007 wara nofisnhar gewwa John's Garage, Villambrosa Street, il-Hamrun bejn l-imputat u l-kwerelant Howard Debono fejn allegatament Howard Debono sofra griehi ta' natura gravi. Kif jirrizulta mill-atti processwali il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet ghal kollox konfliggenti dwar dak li effettivament gara fid-data tal-allegat incident. Il-kwerelant Howard Debono li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-11 ta Novembru 2010 jghid li fil-perijodu in dizamina huwa nzerta kellu fil-pussess tieghu il-mobile phone ta' martu fejn ra sms li ma tantx ghogbu u wara indagni li ghamel skopra li dan l-sms u ohrajn setghu kienu qed jintbaghtu lil martu mill-imputat. Huwa ghalhekk mar fil-post tax-xoghol tal-imputat u talab sabiex ikellmu u l-imputat qallu sabiex johorgu barra u waqt li kienu hergin barra dan beda' jimbuttah, jaghtih f'daru u tefghu mal-art.

L-imputat min-naha l-ohra li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-17 ta' Frar 2011 jghid li fil-gurnata in dizamina huwa kien l-ufficju tieghu meta dahal il-kwerelant li ma kienx jafu qabel jghajjat u jheddu bil-kliem, huwa qam minn wara d-desk u talbu sabiex johorgu barra u meta hargu barra din il-persuna kompliet theddu u imbaghad telaq mnn fuq il-post. L-imputat jghid li huwa mar l-Ghassa tal-Hamrun immedjatament jaghmel rapport[1] u waqt li kien sejjer l-Ghassa rega' rcieva telefonata ta' theddid minghand l-istess persuna. L-imputat jghid ukoll li wara li mar l-Ghassa huwa mar ghand l-avukat tieghu sabiex tintbaghat ittra lill-kwerelant[2] sabiex jitlolbu jiddesisti mill-agir abusiv tieghu. L-imputat spjega li wara li gew intavolati l-proceduri kontra l-kwerelant Howard Debono minhabba dan it-theddid huwa ta struzzjonijiet lill-avukat tieghu sabiex jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali ghan-nom tieghu u dan sabiex ma tkomplix tikber il-problema.

---

[1] Rapport relattiv inserit a fol. 58 u 59 tal-atti processwali.
[2] Kopja tal-ittra inserita a fol. 48 tal-atti processwali.

Wara li ezaminat bir-reqqa l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza f'dan il-kaz il-Qorti jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li huwa ma kkagunax griehi ta' natura gravi jew griehi ohra lill-kwerelant u li l-incident sehh ghaliex il-kwerelant mar fil-propjeta' privata tieghu sabiex jagredih u jheddu. Dan jinghad ghal diversi ragunijiet li huma s-segwenti:-

Il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat hija korroborata miz-zewg xhieda minnu prodotti u cioe' Joseph Vassallo u Godfrey Casha li t-tnejn xehdu waqt l-udjenza tas-17 ta' Frar 2011 fejn dawn it-tnejn ikkonfermaw li l-kwerelant beda' jhedded lill-imputat u li fl-ebda hin ma raw lil dan tal-ahhar jigi agredit fizikament mill-imputat jew mitfugh mal-art kif qed jallega il-kwerelant.
Mix-xhieda ta' PC37 David Bezzina li xehed waqt l-udjenza tas-6 ta' Mejju 2010 jirrizulta li kien l-imputat li mar l-Ghassa jaghmel ir-rapport dwar dak li kien gara u li l-kwerelant ghamel rapport fil-konfronti tal-imputat biss wara li rcieva telefonata mill-Ghassa tal-Hamrun sabiex imur l-Ghassa halli jkellmuh dwar l-incidnet, u cioe' madwar erbat ijiem wara li gara l-istess incident. Inoltre PC37 xehed li Howard Debono naqas milli jiproduci certifikat mediku meta gie mitlub jaghmel dan.

Mic-certifikat mediku esebit a fol. 3 tal-process jirrizulta li dan ic-certifikat gie rilaxxjat fl-1 ta' Settembru 2007 u cioe' erbat ijiem wara li sehh l-incident u mix-xhieda ta' Dr. Jonathan Joslin it-tabib li rrilaxja l-imsemmi certifikat[3] jirrizulta li huwa la kien ra lil Debono qabel l-1 ta' Settembru 2007 u l-anqas wara din id-data rigwardanti l-ugiegh li allegatament kien qed ihoss. Dr. Joslin jghid li kien qed jissuspetta li kien hemm hairline fracture izda jghid li dan la gie konfermat u inoltre jisipjega li dan seta' gie kawzat billi wiehed jorqod hazin. Huwa inoltre jghid li hairline fracture jiehu tlett gimghat sabiex ifieq sakemm ma jkunx hemm kumplikazzjonijiet.

[3] Li xehed waqt l-udjenza tas-7 ta' Jannar 2011.

Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma rnexilhiex tipprova l-imputazzjonijiet minhna migjuba fil-konfronti tal-imputat sal-grad rikjest mill-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------